KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2016[1]

Kawża C-27/15

Pippo Pizzo et
vs
CRGT srl

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana (l-Italja)]

"Kuntratti pubbliċi — Direttiva 2004/18 — Parteċipazzjoni f'kompetizzjoni — Possibbiltà li jintużaw il-kapaċitajiet ta' impriżi oħra sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa — Nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjoni mhux prevista b'mod espliċitu — Esklużjoni tal-offerent"

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jagħti opportunità oħra lill-Qorti tal-Ġustizzja biex telabora fuq il-ġurisprudenza tagħha dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, b'mod partikolari, dwar id-Direttiva 2004/18/KE[2].

2. Minn naħa, jerġa jiġi mistoqsi jekk offerent jistax juża l-kapaċitajiet ta' terzi sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-għoti ta' kuntratt, problema li tista' tiġi solvuta b'mod relattivament faċli fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

3. Min-naħa l-oħra – u din hija l-problema iktar kumplessa –, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li ċerti rekwiżiti ta' ammissibbiltà sabiex wieħed jipparteċipa fil-proċedura ta' sejħa għal offerti ma jiġux ipprovduti b'mod espliċitu fl-avviż ta' sejħa għal offerti u lanqas fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, iżda jiġu dedotti mir-regoli nazzjonali ta' portata ġenerali.

4. Fir-rigward tat-tieni problema, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni sfumata tal-ġurisprudenza tagħha dwar il-ħtieġa li d-dokumenti tal-kompetizzjoni jkunu jinkludu b'mod espliċitu l-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa għal offerti. Ser nagħmel dan billi nuża l-loġika li nqis li hija inerenti fl-idea tal-"offerent informat b'mod raġonevoli u diliġenti b'mod normali" bħala kriterju determinanti tal-ispirtu ta' dik il-leġiżlazzjoni.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 2004/18

5. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, "[l-]awtoritajiet kuntrattwali se jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u se jaġixxu b'mod trasparenti".

6. L-Artikolu 47 tad-Direttiva jipprevedi:

"1. Prova ta' l-istabilità ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku tista', bħala regola ġenerali, tkun fornuta minn waħda jew aktar mir-riferenzi li ġejjin:

a) stqarrijiet xierqa minn banek jew, fejn xieraq, evidenza ta' riskju professjonali ta' kumpens assigurattiv rilevanti;

b) il-preżentazzjoni ta' rendikonti jew estratti minn rendikonti, fejn pubblikazzjoni tar-rendikont tkun meħtieġa taħt il-liġi tal-pajjiż li fih l-operatur ekonomiku jkun stabbilit;

ċ) dikjarazzjoni tal-valur tal-bejgħ kumplessiv ta' l-intrapriża u, fejn xieraq, tal-valur tal-bejgħ fiż-żona koperta mill-kuntratt […].

2. Operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal xi kuntratt partikolari, joqgħod fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, bla rigward għan-natura legali tar-rabtiet li hi għandha magħhom. Huwa għandu f'dak il-każ jipprova lill-awtorità kontrattwanti li se jkollu għad-disposizzjoni tiegħu ir-riżorsi neċessarji, per eżempju, billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet għal dak l-effett.

[…]"

7. Skont l-Artikolu 48 tad-Direttiva 2004/18:

"1. L-abilitajiet Tekniċi u/jew professjonali ta' l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu evalwati u eżaminati skond il-paragrafi 2 u 3.

[…]

3. Operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal xi kuntratt partikolari, joqgħod fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, bla rigward għan-natura legali tar-rabtiet li hu jkollu magħhom. Hu għandu f'dak il-każ jipprova lill-awtorità kontrattwanti li se jkollu għad-disposizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt, per eżempju, billi jipproduċi garanzija mingħand dawk l-entitajiet li jpoġġi r-riżorsi meħtieġa għad-disposizzjoni ta' l-operatur ekonomiku.

[…]"

2. Direttiva 2014/24/UE [3]

8. Skont l-Artikolu 63 tad-Direttiva 2014/24:

“1. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-qagħda ekonomika u finanzjarja […] u l-kriterji relatati mal-abbiltà teknika jew professjonali […],operatur ekonomiku jista’, fejn dan ikun adegwat u għal kuntratt partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitjiet ta’ entitajiet oħra, irrilevanti min-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom […]Meta operatur ekonomiku jkun irid jiddependi biss fuq il-kapaċitajiet ta’ entitajiet oħra, dan għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li huwa ser ikollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu, pereżempju, billi jippreżenta impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan.

[…]

Fejn operatur ekonomiku jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta’ entitajiet oħrajn fir-rigward ta’ kriterji relatati mal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-awtorità kontraenti tista’ tesiġi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b’mod konġunt għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

[…]

2. Fil-każ ta’ kuntratti ta’ xogħlijiet, kuntratti ta’ servizzi u operazzjonijiet ta’ tqegħid fil-post jew ta’ istallazzjoni fil-kuntest ta’ kuntratt ta’ provvista, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu li ċerti kompiti kritiċi jitwettqu direttament mill-offerent stess jew, fejn l-offerta tkun sottomessa minn grupp ta’ operaturi ekonomiċi kif imsemmi fl-Artikolu 19(2), minn parteċipant f’dak il-grupp.”

B – *Id-dritt nazzjonali*

1. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163, tat-12 ta’ April 2006 [4]

9. L-Artikolu 49 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163 jipprevedi:

“1. L-offerent, kemm jekk ikun waħdu, membru ta’ konsorzju jew membru ta’ grupp fis-sens tal-Artikolu 34, fil-kuntest ta’ sejħa għal offerti speċifika għal kuntratt pubbliku għal xogħlijiet, għal provvisti jew għal servizzi, jista’ jissodisfa r-rekwiżit relatat mal-kriterji ta’ natura ekonomika, finanzjarja, teknika u organizzattiva, jiġifieri jikseb iċ-ċertifikat [...] SOA, billi jirrikorri għall-kriterji ssodisfatti minn entità oħra jew g ħaċ-ċertifikat SOA ta’ entità oħra.

[...]

6. Għax-xogħolijiet, l-offerent jista’ jirrikorri għall-kapaċitajiet ta’ impriża awżiljarja waħda biss għal kull kategorija ta’ kwalifika. Is-sejħa għal offerti tista’ tawtorizza l-użu tal-kapaċità ta’ iktar minn impriża awżiljarja waħda skont il-valur tal-kuntratt jew in-natura partikolari tas-servizzi pprovduti [...]”

3 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku [l-għoti ta’ kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, p. 65).

4 — Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi dwar ix-xogħlijiet, servizzi u provvisti li japplika d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE (Codice dei contratti pubblici relativi a lavori, servizi e forniture in attuazione delle direttive 2004/17/CE e 2004/18/CE) (GURI, Nru 100, tat-2 ta’ Mejju 2006, suppliment ordinarju Nru 107), kif emendat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 152, tal-11 ta’ Settembru 2008 (GURI, Nru 231, tat-2 ta’ Ottubru 2008, suppliment ordinarju Nru 227); iktar ’il quddiem, “Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006”.

2. Liġi Nru 266, tat-23 ta' Diċembru 2005 [5]

10. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(67) tal-Liġi Nru 266, "[l]-Awtorità ta' sorveljanza tax-xogħlijiet pubbliċi [...] għandha tistabbilixxi kull sena l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-persuni, pubbliċi u privati, suġġetti għas-sorveljanza tagħha, kif ukoll il-modalitajiet korrispondenti tal-ġbir, inkluż l-obbligu li titħallas il-kontribuzzjoni mill-operaturi ekonomiċi bħala rekwiżit għall-ammissibbiltà tal-offerta fil-kuntest tal-proċeduri mmirati lejn it-twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi".

II – **Il-fatti**

11. F'Novembru 2012, l-Awtorità portwarja ta' Messina (l-Italja) organizzat proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa, fuq livell Ewropew, għall-għoti ta' servizz kwadriennali ta' ġestjoni ta' skart u fdalijiet minn bastimenti li jidħlu fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha. Qabel, is-servizz kien ġestit mill-kumpannija CRGT (iktar 'il quddiem "CRGT").

12. Is-servizz ingħata lir-raggruppament temporanja ta' impriżi Pippo Pizzo u Onofaro Antonino (iktar 'il quddiem, "Pizzo"), wara li ġie osservat li kumpanniji kompetitriċi oħra – fosthom CRGT – ma kinux ħallsu lill-Awtorità tas-sorveljanza tal-kuntratti pubbliċi (Autorità di vigilanza dei contratti pubblici) (iktar 'il quddiem, "AVCP") il-kontribuzzjoni prevista fil-Liġi Nru 266/2005 bħala kundizzjoni għall-ammissibbiltà tal-offerti tagħhom, u għalhekk ġew eskluży mill-kompetizzjoni.

13. CRGT appellat kontra l-esklużjoni tagħha quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale Sicilia (taqsima ta' Catania, Awla IV) (qorti amministrattiva reġjonali ta' Sqallija). Pizzo ressqet appell inċidentali fejn sostniet li CRGT kellha tiġi eskluża, ukoll, talli pproduċiet biss waħda miż-żewġ dikjarazzjonijiet tal-bank meħtieġa fl-avviż ta' kuntratt sabiex tagħti prova tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja tagħha.

14. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet l-appell ta' CRGT fejn ikkunsidrat li l-esklużjoni tagħha mill-kompetizzjoni kienet inġusta, peress li: a) id-dokumenti tal-avviż ta' kuntratt ma kinux jipprovdu għall-ħlas tal-kontribuzzjoni msemmija fil-Liġi Nru 266/2005; b) din il-kontribuzzjoni tikkonċerna espliċitament ix-xogħlijiet pubbliċi, u mhux il-kuntratti għal servizz; u ċ) l-applikazzjoni ta' din il-kontribuzzjoni għall-kuntratti għal servizz hija possibbli biss permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-Liġi Nru 266/2005, li, minħabba l-prinċipju ta' kompletezza tal-kawżi ta' esklużjoni, ma tistax tippreġudika lill-offerenti li, mingħajr ebda ħtija, fehmu li l-kontribuzzjoni inkwistjoni ma kinitx eżiġibbli f'dan il-każ.

15. Barra minn hekk, il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet l-appell inċidentali ta' Pizzo, u ddikjarat li CRGT setgħet tinvoka favur tagħha, kif fil-fatt sar, il-kapaċità ekonomika u finanzjarja ta' kumpannija awżiljarja li magħha ffirmat kuntratt f'dan is-sens.

16. Pizzo ressqet appell quddiem il-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana, li ġie kkontestat mis-CRGT li reġgħet invokat aggravji oħra li hija kienet ressqet fl-ewwel rikors tagħha u li ma humiex rilevanti għal din il-kawża.

17. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana ddeċieda li jressaq it-talba għal deċiżjoni preliminari.

5 — Liġi baġitarja għall-2006 (Legge finanziaria 2006; GURI, Nru 302, tad-29 ta' Diċembru 2005, suppliment ordinarju Nru 211). Iktar 'il quddiem, "Liġi Nru 266/2005".

III – **It-talba mressqa**

18. It-talba għal deċiżjoni preliminari, irreġistrata fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Jannar 2015, tipprevedi kif ġej:

"1) L-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Taljana deskritta hawn fuq, li tippermetti l-użu, b'mod frazzjonat, tal-kapaċitajiet ta' terz, fiċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq?

2) Il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità jipprekludu regola tal-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru li tippermetti l-esklużjoni minn proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika ta' impriża li ma rrealizzatx, minħabba li ma kienx jissemma' fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti, li kellha obbligu – li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu huwa ppenalizzat bl-esklużjoni mill-proċedura – ta' ħlas ta' somma għall-parteċipazzjoni fl-imsemmija proċedura, minkejja l-fatt li l-eżistenza ta' dan l-obbligu ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mill-interpretazzjoni litterali tal-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru, iżda madankollu tista' tiġi rrikostruwita bi tranżazzjoni ġuridika doppja li tikkonsisti, fl-ewwel lok, fl-interpretazzjoni wiesgħa ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt pożittiv tal-istess Stat Membru u, fit-tieni lok, konformement ma' dak li jirriżulta minn din l-interpretazzjoni wiesgħa, fl-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi li jinsabu fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti?"

19. Il-qorti tar-rinviju tqis li, fir-rigward tal-ewwel domanda, id-Direttiva 2014/24 setgħet imponiet limiti fuq il-possibbiltà li jintużaw il-kapaċitajiet ta' terz sabiex jiġu ssodisfatti l-kriterji ta' sejħa għal offerti.

20. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Consiglio di Giustizia jistaqsi wkoll jekk il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' *favor participationis* għandhomx iwasslu biex il-kumpannija kkonċernata tingħata terminu qasir sabiex tikkoreġi n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' ħlas.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-argumenti tal-partijiet**

21. Fil-proċedura dehru, billi ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni.

A – *L-ewwel domanda*

22. Fir-rigward tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, il-Gvern Taljan isostni li l-ammissibbiltà tagħha hija dubjuża minħabba li ma ddeskrivietx iċ-"ċirkustanzi fattwali" li hija bbażata fuqhom u, għalhekk, ma ppreżentatx lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-partijiet l-għodod meħtieġa biex tittieħed pożizzjoni fuq il-problema mqajma.

23. Il-Gvern Taljan jemmen li ma hemmx lok għar-riferiment għad-Direttiva 2014/24, minħabba li din ma tapplikax għal dan il-każ u peress li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha għadu ma skadiex. Bi kwalunkwe mod, fl-opinjoni tiegħu, din id-direttiva ma hijiex inqas favorevoli mid-Direttiva 2004/18 fir-rigward tal-użu għall-kapaċitajiet ta' terzi.

24. Fuq il-mertu, il-Gvern Taljan iqis li l-problema tista' tiġi solvuta fid-dawl tal-prinċipji li jinsabu fis-sentenza Swm Costruzioni 2 u Mannocchi Luigino [6], li tirrigwarda fatti li ma humiex differenti wisq, mill-perspettiva legali rilevanti, minn dawk inkwistjoni f'din il-proċedura.

25. Il-Gvern Taljan, għalhekk, jemmen li ma hemm ebda inkompatibbiltà bejn id-Direttiva 2004/18 u r-regoli tad-dritt nazzjonali li jinsabu fl-Artikolu 49 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006.

26. Il-Kummissjoni taqbel mal-Gvern Taljan fuq l-idea li r-risposta għall-ewwel domanda tirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita fil-kawża Swm Costruzioni, iċċitata iktar 'il fuq. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li operatur ekonomiku jista' jindika, minbarra l-kapaċitajiet tiegħu, il-kapaċitajiet ta' terz jew ta' terzi, sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa u mhux issodisfatti kompletament minnu.

27. Fir-rigward tad-Direttiva 2014/24, il-Kummissjoni tenfasizza, bi qbil ukoll mal-Gvern Taljan, li din ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għal din il-kawża.

28. Konsegwentement, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18 għandhom jiġu interpretati fis sens li ma jmorrux kontra leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik invokata mill-qorti tar-rinviju.

B – *It-tieni domanda*

29. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Gvern Taljan ma jara ebda ksur tal-prinċipji elenkati fid-digriet tar-rinviju. Huwa jenfasizza li l-Artikolu 46(1 bis), tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 jirrikonoxxi bħala raġunijiet għall-esklużjoni, minbarra dawk previsti fl-istess Digriet Leġiżlattiv u fl-avviż ta' kuntratt, dawk elenkati f'"dispożizzjonijiet legali oħra fis-seħħ". Għalhekk, fil-fehma tiegħu, il-fatt li l-*lex specialis* ma semmietx bħala raġuni għall-esklużjoni n-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjoni lill-AVCP ma huwiex ċirkustanza li tiġġustifika n-nuqqas tal-offerent. Dan għandu jkun jaf ir-regoli kostituttivi kollha tal-kawżi kollha tal-esklużjoni obbligatorji u li, ġustament, jissodisfaw il-lakuni possibbli tal-avviż ta' kuntratt f'dik iċ-ċirkustanza.

30. Il-Gvern Taljan jemmen ukoll li l-offerenti ma jistgħux jikkoreġu l-lakuni tal-offerti tagħhom ladarba jkun skada t-terminu għas-sottomissjoni tagħhom, u għalhekk jistgħu jikkoreġuhom jew jikkompletawhom fuq punti speċifiċi, fis-sens tal-imsemmija sentenza fil-kawża Manova [7]. L-awtorità kontraenti tista' taċċetta li l-offerenti jissodisfaw ċerti nuqqasijiet dwar il-kundizzjonijiet suġġettivi għal parteċipazzjoni, iżda mhux li jirregolarizzaw in-nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjoni. Inkella tkun qed tiġi permessa l-konformità tardiva ta' kundizzjoni għall-ammissibbiltà li ma ġietx issodisfatta fil-ħin, għad-detriment tal-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' imparzjalità u ta' trasparenza.

31. Għall-Gvern Taljan, huwa biss fil-każ ta' sempliċi nuqqas purament formali (ħlas li jsir b'mod differenti minn dak legalment meħtieġ jew in-nuqqas ta' akkreditazzjoni li ħlas sar fil-ħin u bil-mod xieraq) li jkun possibbli li l-offerent jingħata l-possibbiltà li jagħti prova tal-konformità effettiva tal-kundizzjoni rilevanti.

32. Konsegwentement, il-Gvern Taljan jipproponi b'risposta għat-tieni domanda li l-prinċipji msemmija mill-qorti tar-rinviju ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jiġi eskluż offerent li ma jkunx wettaq obbligu li, mingħajr ma kien previst espliċitament mil-liġi għat-tip ta' kuntratt pubbliku inkwistjoni, jista' jkun dedott permezz tal-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet legali magħmula ripetutament mill-amministrazzjoni tal-Istat ikkonċernat.

6 — Kawża C-94/12, EU:C:2013:646. Iktar 'il quddiem, "kawża Swm Costruzioni".

7 — Kawża C-336/12, EU:C:2013:647, punt 32.

33. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tqis li t-tieni domanda tirrigwarda speċifikament l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali u l-obbligu ta' trasparenza. Fil-fehma tagħha, dan il-prinċipju u dan l-obbligu jimplikaw li l-awtorità kontraenti għandha tindika b'mod ċar ir-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti, sabiex ikunu jistgħu jsiru magħrufa minn offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva 2004/18 teħtieġ li r-raġunijiet għall-esklużjoni jkunu indikati fl-avviż tas-sejħa għal offerti.

34. Għall-Kummissjoni, dawn ir-rekwiżiti ma jiġux issodisfatti meta obbligu ssanzjonat b'esklużjoni (f'dan il-każ, il-ħlas ta' kontribuzzjoni lil awtorità amministrattiva) ma jkunx previst espliċitament fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti u lanqas ma jirriżulta fid-dritt pożittiv nazzjonali, iżda jkun jista' jiġi dedott biss minn interpretazzjoni estensiva ta' dan id-dritt li tippermetti li tiġi ssodisfatta lakuna, li kieku, kien ikollhom dawn id-dokumenti. Skont il-Kummissjoni, din hija sitwazzjoni li partikolarment tikkawża preġudizzju, mhux biss għall-operaturi ekonomiċi nazzjonali, iżda wkoll għal dawk stabbiliti fi Stati Membri oħra, li għalhekk jirriskjaw li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ.

35. Il-Kummissjoni temmen, barra minn hekk, li l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-awtorità kontraenti tagħti l-opportunità lill-operatur ekonomiku sabiex, f'terminu stabbilit minnha stess, jissodisfa l-obbligu tal-ħlas inkwistjoni.

V – **L-Evalwazzjoni**

A – *L-ewwel domanda*

36. Għalkemm il-Gvern Taljan jiddeskrivi l-ammissibbiltà tad-domanda bħala dubjuża, ma jasalx biex jippropponi li hija inammissibbli. Effettivament, ċertament ma jeżistux raġunijiet biex jiġi rrifjutat *in limine litis* id-dubju tal-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana dwar il-kompatibbiltà bejn l-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18 u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi, tippermetti li operatur ekonomiku juża parzjalment il-kapaċitajiet ta' terz sabiex jissodisfa l-kriterji għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratt.

37. Naqbel, madankollu, mal-Gvern Taljan u mal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni għal din il-kawża tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Smw Costruzioni, minħabba li huma sostanzjalment identiċi, f'dak li jirrigwarda l-punti ta' liġi inkwistjoni.

38. Fil-kawża Smw Costruzzioni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikoli 47(2) u 48(3) tad-Direttiva 2004/18 "ma jipprekludux, bħala prinċipju, kandidati jew offerenti milli jirrikorru għall-kapaċitajiet ta' diversi entitajiet terzi sabiex jiġġustifikaw li huma jissodisfaw livell minimu ta' kapaċità. A fortiori, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jipprovdu ebda projbizzjoni ġenerali dwar il-fatt li kandidat jew offerent jirrikorri għall-kapaċitajiet ta' entità terza waħda jew iktar minbarra għall-kapaċitajiet tiegħu stess, sabiex jissodisfa l-kriterji stabbiliti minn awtorità kontraenti" [8].

39. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, din il-possibbiltà ma hijiex mingħajr kundizzjonijiet, iżda hija suġġett għall-kundizzjoni li "l-[awtorità kontraenti] tingħata prova li l-kandidat jew l-offerent li jirrikorri għall-kapaċitajiet ta' entità jew diversi entitajiet oħra ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu r-riżorsi ta' dawn tal-aħħar li huma neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt" [9].

8 — Kawża C-94/12, EU:C:2013:646, punt 30.

9 — Kawża C-94/12, EU:C:2013:646, punt 33.

40. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ma teskludix l-eżistenza ta' "xogħlijiet li għandhom karatteristiċi li jirrikjedu ċerta kapaċità li ma tistax tinkiseb billi ssir akkumulazzjoni tal-kapaċitajiet inferjuri ta' diversi operaturi" [10], sitwazzjoni li għandha "titlob li l-livell minimu ta' kapaċità kkonċernat jintlaħaq minn operatur ekonomiku uniku jew, skont il-każ, billi jirrikorri għal numru limitat ta' operaturi ekonomiċi, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2004/18, sa fejn tali rekwiżit ikun marbut ma' u proporzjonat għas-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni" [11]. Madankollu, hija tikkunsidra li "din l-ipoteżi tikkostitwixxi sitwazzjoni eċċezzjonali" [12], u konsegwentement, tiddeċiedi li "d-Direttiva 2004/18 tipprekludi li tali rekwiżit jitqies bħala regola ġenerali mid-dritt nazzjonali, kif fil-fatt tagħmel dispożizzjoni bħall-Artikolu 49(6) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006" [13].

41. Fid-dawl ta' dan, ir-risposta għad-domanda magħmula mill-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana tista' tkun fl-istess termini li użat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Smw Costruzioni. Għandu jiġi nnotat, barra minn hekk, konformement mal-Kummissjoni [14], li f'din il-kawża ma jeżistix il-każ eċċezzjonali li, skont il-paragrafu 35 tal-imsemmija sentenza, jippermetti li "titlob li l-livell minimu ta' kapaċità kkonċernat jintlaħaq minn operatur ekonomiku uniku", peress li l-kapaċità inkwistjoni hija ta' natura purament ekonomika.

42. Il-qorti tar-rinviju ssostni li, lil hinn minn dak dedott mid-Direttiva 2004/18, jista' jkun li d-Direttiva 2014/24 imponiet limiti iktar stretti fuq il-possibbiltà li jintużaw il-kapaċitajiet ta' terzi sabiex jiġu ssodisfatti l-kriterji ta' sejħiet għal offerti. Min-naħa tagħhom, kemm il-Gvern Taljan kif ukoll il-Kummissjoni jaqblu li din id-direttiva tal-aħħar ma tapplikax għall-każ inkwistjoni. Jiena naqbel kompletament ma' din l-opinjoni.

43. Il-qorti tar-rinviju stess tipprovdi li t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24 għadu ma skadiex, u din hija raġuni suffiċjenti sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tagħha f'din il-kawża, iżda tinvoka "l-obbligu, tal-qrati nazzjonali, li jagħżlu u jagħtu preferenza, fost l-interpretazzjonijiet possibbli kollha tad-dritt nazzjonali, biss lil dawk li jikkonformaw mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni li għandhom jiġu trasposti" [15].

44. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ li l-Istati Membri "m'għandhomx jadottaw miżuri li jistgħu jikkompromettu serjament ir-riżultat previst minn din id-direttiva" [16] matul it-terminu għat-traspożizzjoni tagħha, iżda ma tobbligax lill-qorti nazzjonali biex tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha stess f'termini ta' konformità sħiħa ma' direttiva li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha għadu ma għaddiex.

45. Barra minn hekk, hija diskutibbli l-evalwazzjoni tal-Consiglio di Giustizia Amministrativa per la Regione siciliana, fis-sens li d-Direttiva 2014/24 hija iktar restrittiva mid-Direttiva 2004/18 f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà li jintużaw il-kapaċitajiet ta' terzi; suġġett li nemmen li ma hemmx bżonn li jiġi ċċarat fil-mertu, minħabba n-nuqqas ta' rilevanza tiegħu għal dan il-każ.

46. Konsegwentement, nemmen li l-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18 ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tippermetti li jintużaw parzjalment il-kapaċitajiet ta' impriżi terzi sabiex jiġu ssodisfatti l-kriterji ta' għażla.

10 — Kawża C-94/12, EU:C:2013:646, punt 35.

11 — *Loc. ult. cit.*

12 — Kawża C-94/12, EU:C:2013:646, punt 36.

13 — *Loc. ult. cit.*

14 — Punt 30 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

15 — Punt C1 tad-digriet tar-rinviju.

16 — Kawża Inter-Environnement Wallonie, C-129/96, EU:C:1997:628, punt 45.

B – *It-tieni domanda*

47. It-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju tidher li hija iktar delikata. Id-differenza fil-pożizzjonijiet meħuda mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni juru d-diffikultà tagħha. Filwaqt li l-ewwel wieħed jargumenta li l-operatur eskluż ma setax ma kienx jaf dwar l-infurzabbiltà tal-kundizzjoni kkontestata (il-ħlas minn qabel tal-kontribuzzjoni lill-AVCP), it-tieni waħda temmen li din il-kundizzjoni tista' tkun meħtieġa biss jekk tkun indikata espliċitament fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti jew tirriżulta b'mod ċar mid-dritt pożittiva fis-seħħ.

48. Fir-realtà, fil-fehma tiegħi, iż-żewġ pożizzjonijiet huma eqreb milli wieħed jista' jaħseb. Għalhekk, il-Gvern Taljan iffoka fuq il-kriterju ta' ħtieġa ta' għarfien tal-kundizzjoni kontenzjuża, filwaqt li l-Kummissjoni ffokat fuq ir-reklamar tagħha. Fil-qosor, dawn huma żewġ perspettivi komplementari, peress li r-reklamar tal-kundizzjoni jgħin biex din issir magħrufa u dan huwa possibbli biss (u raġonevolment) jekk tkun ġiet debitament ippubblikata.

49. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja insistiet rigward il-ħtieġa li "l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-proċedura tal-għoti ta' kuntratt kollha jiġu fformulati b'mod ċar, preċiż u univoku, fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, b'mod, l-ewwel nett, li jippermetti lill-offerenti raġonevolment informati u normalment diliġenti kollha li jifhmu l-portata eżatta u li jinterpretawhom bl-istess mod u, it-tieni nett, li tqiegħed lill-awtorità kontraenti f'pożizzjoni li tivverifika effettivament jekk l-offerti tal-offerenti jikkorrispondux għall-kriterji li jirregolaw il-kuntratt inkwistjoni" [17].

50. L-obbligu ta' reklamar "ċar, preċiż u univoku" huwa impost, fl-ewwel lok, mill-prinċipju ta' trattament ugwali li "jimponi li l-offerenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-istess opportunitajiet fil-formulazzjoni tat-termini u għaldaqstant jimplika li dawn l-offerti jkunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet għall-offerenti kollha" [18]; u, fit-tieni lok, il-prinċipju ta' trasparenza, li l-għan tiegħu huwa "jiggarantixxi l-assenza ta' riskju ta' favoritiżmu u ta' arbitrarjetà min-naħa tal-awtorità kontraenti" [19]. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 jirreferi għall-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza bħala "prinċipji ta' assenjar ta' kuntratti" li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kontraenti.

51. Ma hemmx dubju, għalhekk, li l-offerenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jkunu jafu l-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi ta' ugwaljanza u trasparenza. Iżda huwa iktar diskutibbli sa liema punt għandhom jiġu pprovduti espliċitament fl-avviż tas-sejħa għal offerta jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, ir-rekwiżiti *kollha* ta' eliġibbiltà għall-kompetizzjoni, jew, għall-kuntrarju, ċerti rekwiżiti, ta' natura ġenerali li għandhom jitqiesu li huma magħrufin għalkemm ma jkunux previsti espliċitament f'dawn id-dokumenti.

52. Fl-opinjoni tiegħi, b'kunsiderazzjoni tal-għan imfittex mill-obbligu ta' reklamar tal-kundizzjonijiet – li ma huwa xejn ħlief il-garanzija ta' fehim tal-kontenut u tal-portata tagħhom minn "l-offerenti raġonevolment informati u normalment diliġenti kollha" –, ikun illoġiku li l-awtoritajiet kontraenti jkunu obbligati wkoll li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet imposti minn dispożizzjonijiet regolatorji ta' portata ġenerali li offerent "raġonevolment informat u normalment diliġenti" ma jistax jinjora. Nirreferi, pereżempju, għar-rekwiżiti elementari li, fil-kuntest tal-liġi ċivili u kummerċjali, jaffettwaw il-kapaċità legali tal-persuni u tal-kumpanniji, rekwiżiti li ebda operatur ekonomiku ma jista' ma jkunx jaf dwarhom jew jeħtieġ li jkunu indikati b'mod espliċitu jew fid-dettall fid-dokumenti tal-kompetizzjoni pubblika.

17 — Kawża Cartiera dell'Adda, C-42/13, EU:C:2014:2345, punt 44, b'riferiment għas-sentenza msemmija fil-kawża Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, C-496/99 P, EU:C:2004:236, punti 108 sa 111.

18 — *Loc. ult. cit.*

19 — *Loc. ult. cit.*

53. Ċertament jistgħu jinqalgħu dubji fir-rigward ta' rekwiżiti oħra inqas "ovvji", jew, jekk ikun ippreferut hekk, inqas "loġiċi" jew "naturali", iżda li ma jistgħux ma jkunux magħrufin minn offerent minimament diliġenti u informat. Id-diliġenza u l-informazzjoni raġonevolment mistennija minn offerent jikkostitwixxu speċifikament, fil-fehma tiegħi, il-kriterju determinanti għall-fehim komprensiv tal-ispirtu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 u tal-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' trasparenza li, f'dan il-kuntest, tagħmel il-Qorti tal-Ġustizzja [20].

54. Il-Gvern Taljan argumenta, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu [21] li l-Artikolu 46(1 bis), tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 jistabbilixxi bħala klawżoli ta' esklużjoni, minbarra dawk previsti mill-istess digriet leġiżlattiv u mill-avviż tas-sejħa għall-offerti, dawk preskritti minn "dispożizzjonijiet legali oħra fis-seħħ". Fost dawn id-"dispożizzjonijiet legali oħra", insibu dawk relatati mal-obbligi tat-taxxa komuni għall-offerenti kollha, obbligi li l-ħlas tagħhom huwa meħtieġ, taħt piena ta' esklużjoni mill-kompetizzjoni.

55. L-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/18 ma jeħtieġx, b'mod konkret, li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jispeċifikaw fid-dettall "l-obbligi relatati ma' taxxi, dwar ħarsien ambjentali, dwar disposizzjonijiet għal ħasien [ħarsien] ta' xogħol u dwar il-kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru". Il-kandidati jew offerenti jibqgħu suġġetti għal dawn l-obbligi – li n-nuqqas ta' twettiq tagħhom jista' eventwalment jwassal għal esklużjoni – minħabba l-fatt li ma humiex espliċiti fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti.

56. Skont l-interpretazzjoni tal-qrati Taljani, hija l-liġi Taljana li għandha tiddeċiedi jekk il-kontribuzzjoni lill-AVCP tistax tiġi kklassifikata, minħabba l-karatteristiċi tagħha, bħala obbligu ta' natura fiskali, f'sens wiesa'. Huma wkoll il-qrati Taljani (li jikkonfermaw jew jiċħdu l-interpretazzjoni tal-awtorità pubblika li tirċievi l-ħlas tal-kontribuzzjoni) li għandhom jiddeterminaw il-portati suġġettivi u oġġettivi ta' estensjoni tal-Artikolu 1(65) u (67) tal-Liġi Nru 266/2005, dwar il-kontribuzzjoni li n-nuqqas ta' ħlas tagħha ddetermina l-esklużjoni ta' CRGT mill-kompetizzjoni.

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tipparteċipa fid-dibattitu – li nikklassifika bħala ta' natura purament interna – dwar jekk l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji Taljani interpretawx b'mod ftit jew wisq estensiv id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 266/2005. Jekk, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-AVCP interpretat il-Liġi Nru 266/2005, ripetutament, fis-sens li r-rekwiżit tal-kontribuzzjoni għandu japplika għall-kuntratti għal servizzi, u dan il-kriterju ġie kkonfermat mill-Consiglio di Stato, li hija l-qorti li għandha l-aħħar kelma fuq il-liġi nazzjonali, hija din l-interpretazzjoni li għandha tiġi adottata.

58. Dawn l-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-effett ta' esklużjoni li għandu n-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjoni. Għal darb'oħra – u dejjem fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'din il-kawża – kemm l-AVCP kif ukoll il-qrati li kkonfermaw il-kriterju tagħha ddeċidew li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li titħallas dik il-kontribuzzjoni, previst fir-regola mandatorja iżda mhux fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, iwassal għall-esklużjoni inevitabbli mill-kompetizzjoni.

59. Kollox jindika li l-interpretazzjoni tal-legalità li hija l-bażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(65) u (67) tal-Liġi Nru 266/2005 għall-kuntratti għal servizzi tirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita mill-awtorità amministrattiva kompetenti, l-AVCP, mill-inqas, sa mill-2008. Jidher li din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata mill-qorti amministrattiva suprema nazzjonali f'ġurisprudenza li l-bidu tagħha ma ġiex speċifikat f'din il-proċedura. F'kull każ, loġikament jista' jitqies li din hija ġurisprudenza applikata

20 — Minbarra l-kawżi Cartiera del'Adda (C-42/13, EU:C:2014:2345) u Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta (C-496/99 P, EU:C:2004:236), iċċitati iktar 'il fuq, għandhom jissemmew, *inter alia*, il-kawżi SIAC Construction (C-19/00, EU:C:2001:553), La Cascina (C-226/04 u C-228/04, EU:C:2006:94), Manova (C-336/12, EU:C:13:647) u eVigilo (C-538/13, EU:C:2015:166).

21 — Punt 66.

b'mod regolari mill-AVCP fil-każijiet kollha ta' sejħiet għal offerti ta' kuntratti għal servizzi (fil-fatt, il-Gvern Taljan jelenka numru ta' deċiżjonijiet, ta' snin suċċessivi, tal-AVCP f'dan is-sens). Fl-aħħar nett, jista' jiġi preżunt li l-operatur ekonomiku eskluż fil-proċess ġudizzjarju *a quo* (CRGT), li qabel kien amministra s-servizz li huwa s-suġġett tas-sejħa għall-offerti, kien jaf jew seta' jkun jaf biha.

60. Bla ħsara għal dawn ir-riżervi, nistgħu nitkellmu, għaldaqstant, dwar klawżola ta' esklużjoni li, għalkemm ma hijiex indikata espliċitament fl-avviż tas-sejħa għal offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, ġiet stabbilita permezz tal-interpretazzjoni stabbilita, ikkonfermata mill-qrati, ta' dispożizzjoni leġiżlattiva. L-interpretazzjoni pprovduta mill-AVCP u kkonfermata mill-qrati tiffavorixxi l-inammissibbiltà tal-offerti ppreżentati mingħajr ħlas tal-kontribuzzjoni.

61. Ipotetikament, nammetti li din tista' tiġi deskritta bħala kundizzjoni li diffiċli tiġi identifikata, b'tali mod li l-applikazzjoni tagħha ma hijiex, bħala prinċipju, konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam. Madankollu, nemmen li jista' jkun mod ieħor jekk nillimitaw ruħna għall-kriterju tal-offerent minimament diliġenti u informat, għalkemm, kif ser niddiskuti hawn taħt, jista' jkun li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex fl-aħjar pożizzjoni biex tiddeċiedi dan.

62. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju biss hija f'pożizzjoni li tiddetermina jekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, l-offerent eskluż setax ma jkunx jaf dwar l-interpretazzjoni tal-Liġi Nru 266/2005 u dwar il-prattika segwita f'dawn it-tipi ta' sejħiet għal offerti, ikkonsolidata permezz ta' applikazzjoni amministrattiva kostanti, li l-kontribuzzjoni għall-AVCP hija meħtieġa wkoll fil-kuntratti għal servizzi. Għad-deċiżjoni tagħha jista' jkun utli li hija tikkonstata jekk l-offerent eskluż ipparteċipax f'kompetizzjonijiet bl-istess karatteristiċi u li fihom il-klawżola inkwistjoni tqieset infurzabbli fuq il-bażi tal-interpretazzjoni li l-AVCP adottat tal-Liġi Nru 266/2005.

63. Fil-qosor, il-qorti għandha tiddetermina jekk il-ġurisprudenza tal-AVCP u l-ġurisprudenza tal-Consiglio di Stato humiex magħrufin biżżejjed fost l-impriżi li jagħmlu offerti għal kuntratti pubbliċi sabiex jiġi dedott li offerent diliġenti u informat ma setax ma jkunx jaf biha.

64. Din l-aħħar dikjarazzjoni twassal għal dikjarazzjoni oħra li nemmen li hija importanti mill-perspettiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Din hija li, jekk jiġi kkonstatat li, fil-prattika, l-parti l-kbira tal-offerenti huma konxji dwar id-duttrina tal-AVCP u, għalhekk, iħallsu l-kontribuzzjoni inkwistjoni kif xieraq, il-fatt li offerent partikolari jiġi eżentat minn dan l-obbligu jkun jammonta għal imġiba diskriminatorja.

65. Ċertament, kif indikat il-Kummissjoni [22], ir-rekwiżit ta' klawżola bħal dik eżaminata f'dan il-każ jista' jkun speċjalment ta' preġudizzju lill-offerenti stabbiliti fi Stati Membri oħra, li l-livell ta' għarfien tagħhom dwar id-dritt nazzjonali u l-interpretazzjoni awtentika tiegħu jista' ma jkunx paragunabbli għal dak tal-offerenti domestiċi. Madankollu, il-kriterju tal-offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti – li huwa essenzjali għas-soluzzjoni li nipproponi – jippermetti li dan l-inkonvenjent jiġi evitat, peress li l-livell ta' informazzjoni u diliġenza għandu jiġi adattat f'kull każ skont il-karatteristiċi partikolari tal-offerent, b'tali mod li, f'dan il-każ, n-nuqqas ta' għarfien li ma huwiex skużabbli għal CRGT jista' jkun skużabbli fil-każ ta' offerent barrani.

66. Finalment, jifdal id-dubju dwar il-possibbiltà ta' korrezzjoni tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li titħallas il-kontribuzzjoni pprovduta fil-Liġi Nru 266/2005. F'dan ir-rigward, bi qbil mal-Kummissjoni, nemmen li, meta l-qorti tar-rinviju taċċetta li offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti ma kienx konxju ta' dan l-obbligu, l-awtorità kontraenti għandha tagħtih żmien biżżejjed biex jikkoreġi dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Din hija konsegwenza li tirriżulta, *sensu contrario*,

22 — Punt 38, *in fine*, tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-awtorità kontraenti ma tistax tippermetti "kwalunkwe rettifiki għal ommissjonijiet li, skont id-dispożizzjonijiet espressi tad-dokumenti tal-kuntratt, għandhom iwasslu għall-esklużjoni tiegħu"[23] Preċiżament dan huwa l-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li ma setax jiġi dedott mid-"dispożizzjonijiet espressi [ta' dawn id-]dokumenti".

67. Fil-qosor, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-esklużjoni minn proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika ta' offerent li naqas milli jwettaq obbligu ta' natura fiskali li, għalkemm ma huwiex indikat espliċitament fl-avviż ta' sejħa għal offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, huwa meħtieġ mill-interpretazzjoni amministrattiva stabbilita, ikkonfermata mill-qrati, tal-liġi domestika applikabbli, sakemm din iċ-ċirkustanza ma tistax ma tkunx magħrufa minn offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Jekk taċċetta li nuqqas ta' għarfien ta' dan l-obbligu huwa skużabbli, l-awtorità kontraenti għandha tagħti lill-offerent eskluż biżżejjed żmien biex jikkoreġi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tiegħu.

VI – **Konklużjoni**

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula b'dan il-mod:

"1) L-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, li tippermetti li jintużaw parzjalment il-kapaċitajiet ta' impriżi terzi, fiċ-ċirkustanzi msemmija, fil-qasam tas-servizzi.

2) Il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-esklużjoni minn proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika ta' offerent li naqas milli jwettaq obbligu ta' natura fiskali li, għalkemm ma huwiex indikat espliċitament fl-avviż ta' sejħa għal offerti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, huwa meħtieġ mill-interpretazzjoni amministrattiva stabbilita, ikkonfermata mill-qrati, tal-liġi domestika applikabbli, sakemm din iċ-ċirkustanza ma tistax ma tkunx magħrufa minn offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Jekk taċċetta li nuqqas ta' għarfien ta' dan l-obbligu huwa skużabbli, l-awtorità kontraenti għandha tagħti lill-offerent eskluż biżżejjed żmien biex jikkoreġi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tiegħu."

23 — Kawża Cartiera del'Adda, C-42/13, EU:C:2014:2345, punt 46.